ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 159

Edizzjoni bil-Malti — Leġiżlazzjoni

Volum 52
20 ta' Ġunju 2009

Werrej

I *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 535/2009 tad-19 ta' Ġunju 2009 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ........ 1

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 536/2009 tad-19 ta' Ġunju 2009 li jiddetermina safejn jistgħu jintlaqgħu l-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni mressqa matul ix-xahar ta' Ġunju 2009 għal ċerti prodotti tal-ħalib fil-kuntest ta' ċerti kwoti tariffarji miftuħa bir-Regolament (KE) Nru 2535/2001 ........ 3

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 537/2009 tad-19 ta' Ġunju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1235/2008, f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' pajjiżi terzi li minnhom ċerti prodotti agrikoli miksubin minn produzzjoni organika jeħtiġilhom joriġinaw biex ikunu kkummerċjalizzati fil-Komunità** (1) ........ 6

REGOLI INTERNI U TA' PROĊEDURA

**Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

★ **Ir-raba' emenda tar-Regoli ta' Proċedura tal-KESE, approvata fis-sessjoni plenarja tat-12 ta' Marzu 2008** ........ 10

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*



MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Il-Kummissjoni**

2009/476/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Jannar 2009 Dwar l-għajnuna fil-forma tal-ħolqien ta' fond ta' kumpens fil-qafas tal-organizzazzjoni tas-suq tal-elettriku implimentata mil-Lussemburgu (C 43/2002 (ex NN 75/2001))** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 230)* ([1]) . . . . . . . . . . . . . . . . . . 11

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 535/2009

### tad-19 ta' Ġunju 2009

### li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 ta' Ġunju 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Ġunju 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | CL | 55,0 |
| | MA | 32,7 |
| | MK | 38,5 |
| | TR | 51,6 |
| | ZZ | 44,5 |
| 0707 00 05 | JO | 156,8 |
| | MK | 29,2 |
| | TR | 116,9 |
| | ZZ | 101,0 |
| 0709 90 70 | TR | 104,9 |
| | ZZ | 104,9 |
| 0805 50 10 | AR | 60,5 |
| | BR | 104,3 |
| | TR | 53,8 |
| | ZA | 71,4 |
| | ZZ | 72,5 |
| 0808 10 80 | AR | 79,6 |
| | BR | 69,6 |
| | CL | 76,5 |
| | CN | 97,4 |
| | NZ | 106,8 |
| | US | 92,8 |
| | UY | 49,5 |
| | ZA | 85,7 |
| | ZZ | 82,2 |
| 0809 10 00 | TR | 212,2 |
| | US | 174,4 |
| | ZZ | 193,3 |
| 0809 20 95 | TR | 363,4 |
| | ZZ | 363,4 |
| 0809 30 | MA | 405,8 |
| | TR | 138,0 |
| | US | 203,1 |
| | ZZ | 249,0 |
| 0809 40 05 | AU | 289,7 |
| | CL | 108,6 |
| | ZZ | 199,2 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 536/2009

## tad-19 ta’ Ġunju 2009

## li jiddetermina safejn jistgħu jintlaqgħu l-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni mressqa matul ix-xahar ta’ Ġunju 2009 għal ċerti prodotti tal-ħalib fil-kuntest ta’ ċerti kwoti tariffarji miftuħa bir-Regolament (KE) Nru 2535/2001

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta’ Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (1),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta’ Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-ġestjoni tal-kwoti tariffarji tal-importazzjoni għall-prodotti agrikoli soġġetti għal sistema ta’ ċertifikati tal-importazzjoni (2), u b’mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Billi:

L-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni mressqa bejn l-1 u l-10 ta’ Ġunju 2009 għal ċerti kwoti tariffarji msemmija fl-Anness I għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2535/2001 tal-14 ta’ Diċembru 2001 li jipprovdi regoli dettaljati biex ikun applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 rigward l-arranġamenti tal-importazzjoni tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib u biex jinfetħu kwoti tat-tariffa (3), jirrigwardaw kwantitajiet ogħla minn dawk disponibbli. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi ddeterminat kemm jistgħu jinħarġu liċenzji tal-importazzjoni, billi jiġu ffissati l-koeffiċjenti tal-allokazzjoni applikabbli għall-kwantitajiet mitluba,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni għall-prodotti tal-kwoti tariffarji msemmija fit-taqsimiet I.A, I.D, I.F, I.H, I.I, u I.J tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 2353/2001, imressqa matul il-perjodu bejn bejn l-1 u l-10 ta’ Ġunju 2009 jagħtu lok għall-ħruġ ta’ liċenzji tal-importazzjoni għall-kwantitajiet mitluba, bil-koeffiċjenti tal-allokazzjoni ffissati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 ta’ Ġunju 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 19 ta’ Ġunju 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

(1) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

(2) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.

(3) ĠU L 341, 22.12.2001, p. 29.

*ANNESS*

**I.A**

| Numru tal-kwota tariffarja | Koeffiċjent tal-allokazzjoni |
|---|---|
| 09.4590 | — |
| 09.4599 | 100 % |
| 09.4591 | — |
| 09.4592 | — |
| 09.4593 | — |
| 09.4594 | — |
| 09.4595 | 2,475253 % |
| 09.4596 | 100 % |

"—": Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda applikazzjoni għal liċenzja.

**I.D**

Prodotti li joriġinaw mit-Turkija

| Numru tal-kwota tariffarja | Koeffiċjent tal-allokazzjoni |
|---|---|
| 09.4101 | — |

"—": Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda applikazzjoni għal liċenzja.

**I.F**

Prodotti li joriġinaw mill-Iżvizzera

| Numru tal-kwota tariffarja | Koeffiċjent tal-allokazzjoni |
|---|---|
| 09.4155 | 100 % |

**I.H**

Prodotti li joriġinaw min-Norveġja

| Numru tal-kwota tariffarja | Koeffiċjent tal-allokazzjoni |
|---|---|
| 09.4179 | 100 % |

**I.I**

Prodotti li joriġinaw mill-Iżlanda

| Numru tal-kwota tariffarja | Koeffiċjent tal-allokazzjoni |
|---|---|
| 09.4205 | 100 % |
| 09.4206 | — |

"—": Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda applikazzjoni għal liċenzja.

**I.J**

Prodotti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Moldova

| Numru tal-kwota tariffarja | Koeffiċjent tal-allokazzjoni |
|---|---|
| 09.4210 | — |

"—": Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda applikazzjoni għal liċenzja.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 537/2009

## tad-19 ta’ Ġunju 2009

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1235/2008, f’dak li għandu x’jaqsam mal-lista ta’ pajjiżi terzi li minnhom ċerti prodotti agrikoli miksubin minn produzzjoni organika jeħtiġilhom joriġinaw biex ikunu kkummerċjalizzati fil-Komunità

**(Test b’relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta’ Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta’ prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 u b’mod partikolari l-Artikolu 33(2) tiegħu [1],

Billi:

(1) Skont ir-Regolament (KE) Nru 834/2007, l-Anness III għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 tat-8 ta’ Diċembru 2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta’ prodotti organiċi minn pajjiżi terzi [2] stabbilixxa lista ta’ pajjiżi terzi li għandhom sistema ta’ produzzjoni u miżuri ta’ kontroll għal produzzjoni organika rekonoxxuti bħala ekwivalenti. Fid-dawl ta’ applikazzjonijiet u informazzjoni ġodda li rċiviet il-Kummissjoni minn pajjiżi terzi mill-aħħar pubblikazzjoni tal-lista, għandhom jitqiesu ċerti modifikazzjonijiet u jiżdiedu jew jiddaħħlu fil-lista.

(2) L-awtoritajiet tal-Awstralja u tal-Kosta Rika staqsew lill-Kummissjoni biex tinkludi entità ġdida ta’ kontroll u ċertifikazzjoni. L-awtoritajiet Awstraljani u Kosta Rikani ppreżentaw lill-Kummissjoni l-garanziji meħtieġa biex jissodissfawha dwar l-ilħuq tal-kriterji stipulati fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 mill-entitajiet ġodda ta’ kontroll u ċertifikazzjoni.

(3) It-tul ta’ żmien tal-inklużjoni tal-Indja fil-lista provduta fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 jiskadi fit-30 ta’ Ġunju 2009. Sabiex ikun evitat tfixkil fil-kummerċ, jenħtieġ li tkun estiża l-inklużjoni tal-Indja fil-lista għal perjodu itwal. L-awtoritajiet Indjani talbu lill-Kummissjoni biex tinkludi erba’ entitajiet ġodda ta’ kontroll u ċertifikazzjoni. L-awtoritajiet Indjani ppreżentaw lill-Kummissjoni l-garanziji meħtieġa biex jissodissfawha dwar l-ilħuq tal-kriterji stipulati fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 mill-entitajiet ġodda ta’ kontroll u ċertifikazzjoni. L-awtoritajiet Indjani informaw lill-Kummissjoni li korp wieħed ta’ kontroll biddel ismu.

(4) L-awtoritajiet Iżraeljani informaw lill-Kummissjoni li korp wieħed ta’ kontroll biddel ismu.

(5) Ċerti prodotti agrikoli li jiġu importati mit-Tuneżija, bħalissa qed jiġu kkummerċjalizzati fil-Komunità skont ir-regoli tranżizzjonali stipulati fl-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008. It-Tuneżija bagħtet talba lill-Kummissjoni biex tinkludiha fil-lista provduta fl-Anness III ta’ dak ir-Regolament. Bagħtet l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikoli 7 u 8 ta’ dak ir-Regolament. L-eżaminazzjoni ta’ din l-informazzjoni u d-diskussjoni konsegwenti mal-awtoritajiet Tuneżjani wasslu għall-konklużjoni li, f’dak il-pajjiż ir-regoli li jirregolaw il-produzzjoni u l-kontrolli tal-prodotti agrikoli huma ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 834/2007. Il-Kummissjoni wettqet kontroll fuq il-post dwar ir-regoli tal-miżuri tal-produzzjoni u l-kontroll attwalment applikati fit-Tuneżija, kif previst fl-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 1235/2008 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(7) Il-miżuri provduti f’dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat regolatorju għall-produzzjoni organika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 huwa emendat skond l-Anness ta’ dan ir-Regolament.

[1] ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1.
[2] ĠU L 334, 12.12.2008, p. 25.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Ġunju 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Mariann FISCHER BOEL
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

L-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) Jiddaħħal dan l-inċiż li ġej fil-punt 5 tat-test relatat mal-Awstralja:

"— AUS-QUAL Pty Ltd, www.ausqual.com.au";

(2) Jiddaħħal dan l-inċiż li ġej fil-punt 5 tat-test relatat mal-Kosta Rika:

"— Control Union Certifications, www.cuperu.com";

(3) It-test li jirrigwarda l-Indja huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 5 qed jinbidel b'dan li ġej:

"— Aditi Organic Certifications Pvt. Ltd, www.aditicert.net

— APOF Organic Certification Agency (AOCA), www.aoca.in

— Bureau Veritas Certification India Pvt. Ltd, www.bureauveritas.co.in

— Control Union Certifications, www.controlunion.com

— ECOCERT India Private Limited, www.ecocert.in

— Food Cert India Pvt. Ltd, www.foodcert.in

— IMO Control Private Limited, www.imo.ch

— Indian Organic Certification Agency (Indocert), www.indocert.org

— ISCOP (Indian Society for Certification of Organic products), www.iscoporganiccertification.com

— Lacon Quality Certification Pvt. Ltd, www.laconindia.com

— Natural Organic Certification Association, www.nocaindia.com

— OneCert Asia Agri Certification private Limited, www.onecertasia.in

— SGS India Pvt. Ltd, www.in.sgs.com

— Uttaranchal State Organic Certification Agency (USOCA), www.organicuttarakhand.org/products_certification.htm

— Vedic Organic certification Agency, www.vediccertification.com

— Rajasthan Organic Certification Agency (ROCA), http://www.rajasthankrishi.gov.in/Departments/SeedCert/index_eng.asp";

(b) Fil-punt 7, "2009" tinbidel b' "2014";

(4) Fil-punt 5 tat-test li jirrigwardja l-Iżrael, ir-raba’ inċiż jinbidel b’dan li ġej:

"— Secal Israel Inspection and certification, www.skal.co.il";

(5) Wara t-test li jirrigwarda l-Iżvizzera, jiddaħħal it-test li ġej:

"TUNISIA

1. **Il-kategoriji tal-prodotti:**

   (a) għelejjel mhux ipproċessati u materjal u żrieragħ veġetatattivi tal-propagazzjoni għall-koltivazzjoni;

   (b) prodotti agrikoli pproċessati għall-użu bħala ikel komposti essenzjalment minn ingredjent wieħed jew aktar li joriġinaw mill-pjanti.

2. **L-Oriġini:** prodotti tal-kategorija 1(a) u ingredjenti mkabbra b’mod organiku fil-prodotti tal-kategorija 1(b) li tkabbru fit-Tuneżija.

3. **L-Istandards tal-produzzjoni:** Il-liġi Nru 99-30 tal-5 ta’ April 1999 dwar il-Biedja organika; id-Digriet tal-Ministru tal-Agrikoltura tat-28 ta’ Frar 2001, li japprova l-ispeċifikazzjonijiet standard tal-produzzjoni ta’ għalejjel skont il-metodu organiku.

4. **L-Awtorità Kompetenti:** Direction générale de la Production Agricole, www.agriportail.tn

5. **Entitajiet ta’ kontroll:**

   — Ecocert SA en Tunisie, www.ecocert.com

   — Istituto Mediterraneo di Certificazione IMC, www.imcert.it

   — BCS, www.bcs-oeko.com

   — Lacon, www.lacon-institute.com

6. **Entitajiet ta’ ċertifikazzjoni:** bħal fil-punt 5.

7. **Tul taż-żmien tal-inklużjoni:** it-30 ta’ Ġunju 2012"

## REGOLI INTERNI U TA' PROĊEDURA

# IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

**Ir-raba' emenda tar-Regoli ta' Proċedura tal-KESE, approvata fis-sessjoni plenarja tat-12 ta' Marzu 2008** ([1])

Fit-12 ta' Marzu 2008, l-assemblea plenarja tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċidiet li temenda l-kontenut tal-Artikolu 72 tar-Regoli ta' Proċedura tagħha.

It-test il-ġdid tal-Artikolu 72 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew huwa dan li ġej:

"*Artikolu 72*

1. Il-poteri li l-Istatut tal-Impjegati jagħti lill-awtorità li taħtar, u dawk li l-kondizzjonijiet applikabbli għall-ħaddiema l-oħra jagħtu lill-awtorità kompetenti sabiex tikkonkludi kuntratti ta' impjiegi, għas-Segretarju Ġenerali, huma mħaddma mill-Bureau.

2. Il-poteri li l-Istatut tal-uffiċjali tal-Komunitajiet jagħtu fuq l-awtorità li taħtar huma mħaddma:

— fir-rigward tal-uffiċjali tal-grupp ta' funzjoni AD16, AD15, u AD14, fuq proposta tas-Segretarju Ġenerali, mill-Bureau fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikoli 13, 29, 30, 31, 32, 40, 41, 49, 50, 51, 78 u 90, paragrafu 1 tal-Istatut tal-uffiċjali; fir-rigward tad-dispożizzjonijiet l-oħrajn tal-Istatut inkluż l-Artikolu 90 paragrafu 2, fuq proposta tas-Segretarju Ġenerali, mill-President;

— fir-rigward tal-uffiċjali tal-grupp ta' funzjoni AD13, AD12 u AD11, mill-President, fuq proposta tas-Segretarju Ġenerali;

— fir-rigward tal-uffiċjali tal-gradi l-oħra tal-grupp ta' funzjoni AD u għall-grupp ta' funzjoni AST, mis-Segretarju Ġenerali.

3. Il-poteri mogħtija mill-kondizzjonijiet tax-xogħol applikabbli għall-ħaddiema l-oħra tal-Komunitajiet lill-awtorità kompetenti sabiex tikkonkludi kuntratti ta' impjiegi huma mħaddma:

— fir-rigward tal-impjegati temporanji tal-gradi AD16, AD15, u AD14, fuq proposta tas-Segretarju Ġenerali, mill-Bureau fl-applikazzjoni tal-Artikoli 11, 17, 33 u 48 tal-Kondizzjonijiet tax-Xogħol; fir-rigward tad-dispożizzjonijiet l-oħra tal-Kondizzjonijiet tax-Xogħol, fuq proposta tas-Segretarju Ġenerali, mill-President;

— fir-rigward tal-aġenti temporanji tal-gradi AD 13, AD 12 u AD 11, mill-President, fuq proposta tas-Segretarju Ġenerali;

— fir-rigward tal-aġenti temporanji tal-gradi l-oħra tal-grupp ta' funzjoni tal-Amministraturi u għall-grupp ta' funzjoni tal-Assistenti, mis-Segretarju Ġenerali;

— fir-rigward tal-konsulenti speċjali, tal-impjegati awżiljarji, tal-impjegati b'kuntratt u tal-impjegati lokali, mis-Segretarju Ġenerali.

4. Il-poteri mogħtija lill-istituzzjoni permezz tal-Artikolu 110 tal-Istatut tal-uffiċjali bl-għan li jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet ġenerali ta' twettiq tal-Istatut u tar-regolamenti mgħoddija b'kunsens huma mħaddma mill-President.

5. Il-Bureau, il-President u s-Segretarju Ġenerali jistgħu jiddelegaw il-poteri mogħtija lilhom skont dan l-Artikolu.

6. Il-proċeduri ta' delega meħuda skont il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu għandhom jiddeterminaw il-firxa tal-poteri mogħtija, il-limiti u l-iskadenzi kif ukoll jekk il-benefiċjarji ta' din id-delega jkunux jistgħu jerġgħu jiddelegaw il-poteri tagħhom."

It-test il-ġdid daħal fis-seħħ dakinhar li ġie adottat.

---

([1]) It-test sħiħ tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat bl-aħħar modifiki approvati fis-sessjoni plenarja tal-5 ta' Lulju 2006 ġew ippubblikati fil-ĠU L 93 3.4.2007.

II

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# IL-KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-28 ta' Jannar 2009**

**Dwar l-għajnuna fil-forma tal-ħolqien ta' fond ta' kumpens fil-qafas tal-organizzazzjoni tas-suq tal-elettriku implimentata mil-Lussemburgu (C 43/2002 (ex NN 75/2001))**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 230)*

**(It-test bl-ilsien Franċiż biss huwa awtentiku.)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/476/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 88(2) tiegħu,

wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

wara li l-partijiet interessati ġew mistiedna jressqu l-kummenti tagħhom skont dawn l-Artikoli [1], u wara li ġew ikkunsidrati dawn il-kummenti,

Billi:

### 1. PROĊEDURA

(1) Permezz ta' ittra li ġġib id-data tat-2 ta' Lulju 2001, irreġistrata fis-16 ta' Lulju 2001 bin-numru N 475/01, il-Lussemburgu informa lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 88(3) tat-Trattat dwar il-ħolqien ta' fond ta' kumpens fil-qafas tal-organizzazzjoni tas-suq tal-elettriku. Il-miżura nnotifikata kienet, madankollu, fil-verità ġiet implimentata mill-1 ta' Jannar 2001. Il-Kummissjoni għalhekk qieset li l-miżura ma setgħetx tiġi kkunsidrata bħala proġett biex tingħata għajnuna skont it-tifsira tal-Artikolu 88(3) tat-Trattat, u fit-30 ta' Lulju 2001 niżżlitha fir-reġistru tal-għajnuniet mhux notifikati, bin-numru NN 75/01.

(2) Wara skambju ta' korrispondenza mal-awtoritajiet Lussemburgiżi, il-Kummissjoni infurmat lil-Lussemburgu, b'ittra li ġġib id-data tal-5 ta' Ġunju 2002, dwar id-deċiżjoni tagħha li tiftaħ il-proċedura prevista fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat fir-rigward ta' din il-miżura. Hija stiednet ukoll lil-Lussemburgu biex, fi żmien xahar mid-data ta' meta jirċievi l-ittra, jippreżenta l-kummenti tiegħu u jressaq it-tagħrif utli kollu għall-evalwazzjoni tal-miżura.

(3) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ din il-proċedura ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2]. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jippreżentaw il-kummenti tagħhom dwar il-miżura inkwistjoni.

(4) Permezz ta' ittra li ġġib id-data tat-22 ta' Lulju 2002, irreġistrata fis-26 ta' Lulju 2002, il-Lussemburgu talab li jittawwal iż-żmien biex jibgħat il-kummenti tiegħu, u l-Kummissjoni aċċettat u ffissat il-limitu ta' żmien bħala l-5 ta' Settembru 2002 permezz ta' ittra li ġġib id-data tat-30 ta' Lulju 2002.

(5) Permezz ta' faks mibgħuta fl-4 ta' Diċembru 2002, irreġistrata fl-istess jum, il-Pajjiżi l-Baxxi għaddew lill-Kummissjoni l-kummenti tagħhom fuq il-miżura inkwistjoni. B'ittra li ġġib id-data tat-18 ta' Frar 2003, il-Kummissjoni għaddiet l-ittra tal-Pajjiżi l-Baxxi lil-Lussemburgu u stednitu jgħaddilha l-kummenti tiegħu fi żmien xahar. Wara li bagħtet ittra ta' tfakkir fis-16 ta' Mejju 2003, fit-28 ta' Mejju 2003 l-Kummissjoni rċeviet mingħand il-Lussemburgu, permezz ta' faks li ġiet irreġistrata fl-istess jum, talba biex jittawwal iż-żmien biex iwieġeb.

[1] ĠU L 255, 23.10.2002, p. 15.

[2] Ara n-nota nru 1 ta' qiegħ il-paġna.

(6) B'ittra li ġġib id-data tal-4 ta' Ġunju 2003, irreġistrata fil-5 ta' Ġunju 2003, il-Lussemburgu għadda lill-Kummissjoni l-kummenti tiegħu kemm fuq l-ittra tal-Kummissjoni tal-5 ta' Ġunju 2002 kif ukoll fuq il-kummenti fornuti mill-Pajjiżi l-Baxxi. Il-Lussemburgu għadda tagħrif addizzjonali permezz ta' ittra li ġġib id-data tat-3 ta' Mejju 2004, irreġistrata fit-13 ta' Mejju 2004.

(7) Fil-25 ta' Jannar 2005 saret laqgħa ta' ħidma bejn il-Lussemburgu u l-Kummissjoni.

(8) B'ittra li ġġib id-data tal-31 ta' Marzu 2005, il-Kummissjoni talbet tagħrif mingħand il-Lussemburgu. Il-Kummissjoni rċeviet risposta mingħand il-Lussemburgu permezz tal-ittri datati 20 ta' April u 20 ta' Mejju 2005, irreġistrati rispettivament fis-27 ta' April u fl-1 ta' Ġunju 2006.

(9) B'ittra li ġġib id-data tal-31 ta' Marzu 2005, il-Kummissjoni talbet tagħrif addizzjonali mingħand il-Lussemburgu. Permezz ta' ittra li ġġib id-data tat-22 ta' Novembru 2005, irreġistrata fit-23 ta' Novembru 2005, il-Lussemburgu talab li jittawwal iż-żmien biex jibgħat ir-reazzjoni tiegħu, u l-Kummissjoni ffissat il-limitu ta' żmien bħala l-31 ta' Jannar 2006 permezz ta' ittra li ġġib id-data tal-5 ta' Diċembru 2005. Il-Kummissjoni rċeviet tweġiba mil-Lussemburgu permezz ta' ittri datati 31 ta' Jannar 2006, irreġistrati fit-3 ta' Frar 2006.

(10) B'ittra li ġġib id-data tas-27 ta' Marzu 2006, il-Kummissjoni talbet tagħrif addizzjonali mingħand il-Lussemburgu. Il-Kummissjoni rċeviet tweġiba mil-Lussemburgu permezz ta' ittra li ġġib id-data tal-11 ta' April 2006, irreġistrata fit-18 ta' April 2006.

(11) Fit-12 ta' Diċembru 2006 saret laqgħa ta' ħidma bejn il-Lussemburgu u l-Kummissjoni.

(12) B'ittra li ġġib id-data tal-21 ta' Novembru 2007, il-Kummissjoni talbet tagħrif addizzjonali mingħand il-Lussemburgu. Permezz ta' ittra li ġġib id-data tas-6 ta' Diċembru 2007, irreġistrata fl-10 ta' Diċembru 2007, il-Lussemburgu talab li jittawwal iż-żmien biex jibgħat ir-reazzjoni tiegħu, u l-Kummissjoni aċċettat u ffissat il-limitu ta' żmien bħala s-17 ta' Jannar 2008 permezz ta' ittra li ġġib id-data tal-14 ta' Diċembru 2007. Il-Kummissjoni rċeviet tweġiba mil-Lussemburgu permezz ta' ittra li ġġib id-data tat-28 ta' Jannar 2008, irreġistrata fit-30 ta' Jannar 2008.

(13) Fis-27 ta' Frar 2008 saret laqgħa ta' ħidma bejn il-Lussemburgu u l-Kummissjoni.

(14) Il-Kummissjoni rċeviet tagħrif addizzjonali mingħand il-Lussemburgu b'ittra li ġġib id-data tad-19 ta' Ġunju 2008, irreġistrata fl-20 ta' Ġunju 2008, u b'ittra rreġistrata fit-12 ta' Settembru 2008.

## 2. **DESKRIZZJONI**

### 2.1. **Il-qafas leġiżlattiv tal-mekkaniżmu ta' kumpens**

#### 2.1.1. *Ir-Regolament Gran Dukali (minn issa 'l quddiem "RGD") tat-30 ta' Mejju 1994 u l-proċess tal-liberalizzazzjoni tas-suq tal-elettriku*

(15) Ir-RGD tat-30 ta' Mejju 1994 ([3]) dwar il-produzzjoni tal-enerġija elettrika msejsa fuq enerġiji li jiġġeddu jew il-koġenerazzjoni (minn issa 'l quddiem "elettriku nadif") jimponi obbligu ta' xiri ta' dan l-elettriku nadif fuq Cegedel, li f'dak iż-żmien kienet il-konċessjonarju ġenerali waħdieni tan-netwerk elettriku fil-Lussemburgu. Is-sistema tirrigwarda l-produzzjoni tal-elettriku permezz tal-enerġija mill-ilma, mir-riħ, fotovoltajka, mill-bijogass u mill-bijomassa, u l-produzzjoni tal-elettriku bil-koġenerazzjoni.

(16) L-ewwel artikolu tar-RGD tal-1994 jipprevedi li l-"kwantitajiet ta' elettriku disponibbli li jkunu ġejjin mill-awtoproduzzjoni msejsa fuq l-enerġiji li jiġġeddu jew fuq il-koġenerazzjoni jiġu, fuq talba tal-awtoġeneratur, jeħodhom l-Istat Gran Dukali f'isem in-netwerk pubbliku". Ir-RGD tal-1994 jiffissa wkoll il-prezzijiet ta' dan l-elettriku nadif f'livell ogħla minn dak tal-elettriku prodott bil-mod konvenzjonali. Il-prezzijiet tax-xiri tal-elettriku nadif ġew aġġustati mill-ġdid matul iż-żmien, b'mod partikulari permezz tar-RGD tal-14 ta' Ottubru 2005 ([4]). Il-prezzijiet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008 ġew iffissati mir-RGD tat-8 ta' Frar 2008 ([5]) dwar il-produzzjoni tal-elettriku msejsa fuq is-sorsi ta' enerġija li jiġġeddu.

(17) Il-Lussemburgu kkalkula li fl-2000, l-obbligu tax-xiri li joħroġ mir-RGD tal-1994 kien jinvolvi produzzjoni ta' 112GWh ([6]), u li dawn il-volumi kienu nxtraw bi prezz medju li kien madwar it-triplu tal-prezz li jirriżulta mill-kuntratti ta' forniment fuq medda twila ta' żmien li kienet ikkonkludiet Cegedel. Skont l-awtoritajiet Lussemburgiżi, dan wassal għal spiża addizzjonali ta' 275 miljun frank Lussemburgiż, jiġifieri EUR 6,8 miljun.

(18) Wara l-ftuħ tas-settur tal-elettriku għall-kompetizzjoni permezz tal-liġi tal-24 ta' Lulju 2000 ([7]), l-obbligu tax-xiri infirex għad-distributuri kollha li joperaw fil-Lussemburgu. Dawn kienu jammontaw għal tlettax fl-2001, bl-ewlieni fosthom, Cegedel, u t-tieni l-ikbar, Sotel, li kienu jfornu lis-siti tal-azzar tan-naħa t'isfel tal-pajjiż, u distributuri lokali. Madankollu, fil-verità, Cegedel waħedha kienet tixtri l-biċċa l-kbira tal-elettriku nadif prodott fil-Lussemburgu.

([3]) *Il-Gazzetta Uffiċjali tal-Lussemburgu* A Nru 62,12.7.1994, p. 1140.
([4]) RGD tal-14 ta' Ottubru 2005 1) dwar il-forniment ta' enerġija elettrika msejsa fuq l-enerġiji li jiġġeddu u 2) li jimmodifika r-RGD tat-30 ta' Mejju 1994 dwar il-produzzjoni tal-enerġija elettrika msejsa fuq l-enerġiji li jiġġeddu jew fuq il-koġenerazzjoni kif ukoll ir-RGD tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-introduzzjoni ta' fond ta' kumpens fil-qafas tal-organizzazzjoni tas-suq tal-elettriku (*Il-Gazzetta Uffiċjali tal-Lussemburgu A*, nru 181, 14.11.2005, p. 2948).
([5]) *Il-Gazzetta Uffiċjali tal-Lussemburgu* A Nru 16, 12.2.2008, p. 260
([6]) Skont il-Lussemburgu, il-konsum totali tal-elettriku fil-Lussemburgu kien ta' 5 650 GWh fl-2000.
([7]) *Il-Gazzetta Uffiċjali tal-Lussemburgu* A Nru 79, 21.8.2000, p, 1896.

2.1.2. *Ir-RGD tat-22 ta' Mejju 2001*

(19) Sabiex l-ispejjeż marbuta mal-obbligu tal-akkwist tal-elettriku nadif jitqassmu b'mod ġust fost id-distributuri, il-Lussemburgu ddeċieda li jdaħħal mekkaniżmu ta' kumpens permezz tar-RGD tat-22 ta' Mejju 2001 [8] dwar l-introduzzjoni ta' fond ta' kumpens fil-qafas tal-organizzazzjoni tas-suq tal-elettriku. Fil-verità, il-fond ta' kumpens kien ilu fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2001.

(20) Skont l-Artikolu 21 tar-RGD tat-22 ta' Mejju 2001, kull distributur Lussemburgiż tal-elettriku huwa awtorizzat li jiġbor kontribuzzjoni għall-fond ta' kumpens mingħand il-klijenti aħħarin tiegħu. Il-kontribuzzjoni hija proporzjonali għall-konsum ta' elettriku min-naħa tal-klijent aħħari. Barra minn hekk, il-mekkaniżmu tal-fond ta' kumpens jippermetti li l-ispejjeż marbutin mal-obbligu tax-xiri ta' elettriku nadif jitqassmu fuq il-klijenti kollha kemm huma tad-distributur. L-ammont tal-kontribuzzjonijiet huwa ffissat kull sena mill-Istat b'mod li l-flus li jidħlu fil-fond ma jaqbżux l-ispiża addizzjonali marbuta max-xiri ta' elettriku nadif. L-Artikolu 13 tar-RGD tat-22 ta' Mejju 2001 jgħid li l-konsumaturi l-kbar tal-elettriku [9] huma eżentati mill-ħlas ta' din il-kontribuzzjoni sal-31 ta' Diċembru 2005 [10]. Skont l-awtoritajiet Lussemburgiżi, din l-eżenzjoni tikkonċerna madwar ħamsin mill-konsumaturi l-kbar, l-aktar fl-industrija kimika u fil-qasam tal-azzar.

(21) B'hekk, skont l-Artikolu 23 tar-RGD tat-22 ta' Mejju 2001, il-kontribuzzjoni għall-klijenti kollha li mhumiex eżentati hija ffissata għal EUR 2.73 kull MWh għas-sena 2001.

2.1.3. *Ir-RGD tad-9 ta' Diċembru 2005*

(22) Wara t-taħdidiet bilaterali li saru mal-Kummissjoni, ir-RGD tad-9 ta' Diċembru 2005 [11], li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2006, immodifika r-RGD tat-22 ta' Mejju 2001. Huwa jħassar b'mod partikulari l-eżenzjoni mill-kontribuzzjoni għall-konsumaturi l-kbar tal-elettriku, u minflokha jdaħħal tliet kategoriji ta' klijenti, li jikkorrispondu ma' tliet livelli ta' kontribuzzjonijiet differenti [12]:

— il-kategorija A hija magħmula mill-klijenti li l-miters tagħhom juru konsum annwali ta' elettriku ta' 25 MWh jew inqas. Għas-sena 2007, il-kontribuzzjonijiet li kellhom iħallsu l-konsumaturi tal-kategorija A ġew iffissati għal EUR 7 kull MWh.

— il-kategorija B hija magħmula mill-klijenti li l-miters tagħhom juru konsum annwali ta' elettriku ogħla minn 25 MWh, bl-eċċezzjoni tal-miters li huma kklassifikati fil-kategorija Ċ. Għas-sena 2007, il-kontribuzzjonijiet li kellhom iħallsu l-konsumaturi tal-kategorija B ġew iffissati għal EUR 2,70 kull MWh.

— il-kategorija Ċ tirrigwarda l-klijenti rilevanti tal-kategorija B li, barra minn hekk, *"iridu jikkommettu ruħhom li jtejbu b' mod sostanzjali l-effiċjenza enerġetika ġenerali tagħhom billi jiġi konkluż ftehim bejn il-Gvern u l-impriża kkonċernata […] Il-ftehim li jrid jiġi konkluż għandu jkun fih klawżola ta' penali f' każ li ma jiġux rispettati l-impenji"* [13]. Il-ftehimiet jiġu fi tmiemhom fil-31 ta' Jannar 2008. Għas-sena 2007, il-kontribuzzjonijiet li kellhom iħallsu l-konsumaturi tal-kategorija Ċ ġew iffissati għal EUR 0.75 kull MWh.

2.1.4. *Dispożizzjonijet applikabbli fl-1 ta' Jannar 2009*

(23) L-awtoritajiet Lussemburgiżi impenjaw ruħhom li jissostitwixxu r-RGD tad-9 ta' Diċembru 2005 b'RGD ġdid, li sal-lum għadu ma ġiex pubblikat, li d-dħul tiegħu fis-seħħ huwa maħsub għall-1 ta' Jannar 2009. Skont l-awtoritajiet Lussemburgiżi, ir-RGD l-ġdid jipprevedi li d-distributuri *jistgħu* jiġbru kontribuzzjoni għall-ispejjeż maħluqa mill-elettriku nadif mingħand il-klijenti aħħarin tagħhom. Il-livell ta' din il-kontribuzzjoni għaldaqstant mhuwiex aktar iffissat mill-poter pubbliku iżda jitħalla f'idejn id-distributuri biex jiddeċiduh huma.

## 2.2. **It-tħaddim tal-mekkaniżmu ta' kumpens**

(24) B'mod prattiku, ir-RGD tat-22 ta' Mejju 2001 u tad-9 ta' Diċembru 2005 jipprovdu li d-distributur ewlieni fil-Lussemburgu, Cegedel, li l-biċċa l-kbira tal-kapitali tagħha huma f'idejn il-privat, trid tixtri l-elettriku nadif kollu prodott fil-Lussemburgu bil-prezz iffissat mill-Istat. Dawn ix-xirjiet tagħmilhom f'isimha stess jew f'isem id-distributuri l-oħra li kkonkludew kuntratti ta' forniment mal-produtturi tal-elettriku nadif. Imbagħad, id-distributur ewlieni jbiegħ l-elettriku nadif lill-kompetituri tiegħu skont is-sehem tas-suq li għandu kull wieħed minnhom fis-suq Lussemburgiż, u bi prezz tal-bejgħ iffissat mill-Istat fuq il-bażi tal-prezz tas-suq tal-elettriku stabbilit is-sena ta' qabel. L-ispejjeż supplimentari minħabba l-elettriku nadif jikkorrispondu għad-differenza bejn il-prezz tax-xiri għall-produtturi tal-elettriku nadif (tariffa ta' injezzjoni) u l-prezz tal-bejgħ għad-distributuri l-oħrajn, li huma ffissati mill-Istat. Id-distributuri kollha jagħtu kont kull xahar tax-xirjiet tagħhom ta'

(8) *Il-Gazzetta Uffiċjali tal-Lussemburgu* A Nru 70, 19.6.2001, p. 1407.
(9) Il-konsumaturi l-kbar tal-elettriku huma l-impriżi konnessi man-netwerk elettriku b'tensjoni ogħla minn 65 kV.
(10) Skont l-Artikolu 14 tar-RGD tat-22 ta' Mejju 2001, l-għadd ta' benefiċjarji tal-eżenzjoni jista' madankollu jiċċekken qabel l-1 ta' Jannar 2006 jekk il-kontribuzzjoni tal-klijenti suġġetti għall-fond ta' kumpens tiżdied b'iktar minn 50 % matul is-snin finanzjarji 2002 u 2003.
(11) *Il-Gazzetta Uffiċjali tal-Lussemburgu* A nru 203, 16.12.2005, p. 3256.
(12) L-Artikolu 1 tar-RGD tad-9 ta' Diċembru 2005 li jimmodifika l-Artikolu 21 tar-RGD tat-22 ta' Mejju 2001.
(13) Ir-RGD tad-9 ta' Diċembru 2005, Artikolu 1.

elettriku nadif lir-regolatur Lussemburgiż tal-enerġija, l-Institut Luxembourgeois de Régulation (minn issa 'l quddiem "ILR"). Fi tmiem is-sena, ir-regolatur iqassam il-kumpens bejn id-distributuri: jekk is-sehem tal-elettriku nadif prodott fil-Lussemburgu li tkun inxtrat minn distributur tkun ikbar mis-sehem tiegħu mis-suq tal-elettriku, jirċievi kumpens mill-fond. bil-maqlub, jekk is-sehem tiegħu ta' elettriku nadif mixtri tkun inqas minn sehmu mis-suq nazzjonali, irid iħallas lill-fond kontribuzzjoni li tikkorrispondi għad-differenza. Il-fond ta' kumpens, għalhekk, għandu l-għan li jiżgura li kull distributur li jopera fil-Lussemburgu jixtri sehem mill-elettriku nadif prodott fil-Lussemburgu li tkun identika għal sehmu mis-suq nazzjonali.

(25) It-tabella ta' hawn fuq tiddeskrivi kif jaħdem il-fond ta' kumpens, li kienet fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2008.




### 3. RAĠUNIJIET LI WASSLU GĦALL-FTUĦ TAL-PROĊEDURA TA' INVESTIGAZZJONI FORMALI

(26) Fid-deċiżjoni li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali, il-Kummissjoni qieset li l-mekkaniżmu ta' kumpens jidher li kien qed jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 87(1) tat-Trattat ([14]).

(27) Il-miżura tagħti vantaġġ lill-produtturi ta' elettriku nadif, li jibbenefikaw *in fine* mill-ammont tal-fond ta' kumpens. Barra minn hekk, l-eżonerazzjoni tal-kumpens applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2005 jiffavorixxi l-impriżi li huma konsumaturi kbar tal-elettriku meta mqabbla mal-impriżi l-oħra li għandhom jikkontribwixxu għall-fond ta' kumpens. Min-naħa l-oħra, id-distributuri ma jibbenefikaw minn l-ebda vantaġġ minħabba li għandhom biss rwol ta' intermedjarji fil-ġbir tal-kontribuzzjonijiet mogħtija mill-klijenti aħħarin u mħallsa *in fine* lill-produtturi ta' elettriku nadif.

(28) Dan il-vantaġġ huwa pprovdut permezz tar-riżorsi tal-Istat, mhux minħabba l-introduzzjoni tal-obbligu ta' xiri ta' elettriku nadif iżda minħabba l-ħolqien tal-fond ta' kumpens. Fil-fatt, dan ġie mwaqqaf mill-Istat, u huwa alimentat minn sistema ta' kontribuzzjonijiet obbligatorji u l-ammonti li jitpoġġew fih huma kkontrollati mill-Istat.

(29) Il-miżura hija selettiva minħabba li tiffavorixxi biss ċerti impriżi jew ċerti attivitajiet, b'mod partikolari l-produtturi ta' elettriku nadif fil-konfront tal-produtturi l-oħra ta' elettriku u l-impriżi li huma konsumaturi kbar tal-elettriku meta mqabbla mal-impriżi l-oħra konsumaturi tal-elettriku.

(30) Fl-aħħarnett, l-għoti ta' vantaġġ lill-produtturi tal-elettriku nadif huwa tali li li jiddisturba s-suq intern tal-elettriku u tikkostitwixxi distorsjoni fil-kompetizzjoni, l-istess bħall-vantaġġ li jibbenefikaw minnhom l-impriżi li huma konsumaturi kbar tal-elettriku, li huma attivi f'diversi setturi tal-ekonomija.

([14]) Ara l-punti 14 sa 19 tad-deċiżjoni ta' ftuħ ta' proċedura formali ta' invetigazzjoni, ĠU C 255, 23.10.2002.

(31) Il-Kummissjoni mbagħad eżaminat il-kumpatibbiltà tal-mekkaniżmu tal-kumpens mas-suq komuni skont l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat, fid-dawl tal-linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ħarsien tal-ambjent tal-2001 (minn hawn 'il quddiem "il-qafas tal-2001") ([15]). Hija esprimiet dawn id-dubji dwar is-suġġett.

(32) L-ewwel nett, il-Kummissjoni qieset li l-għajnuniet favur produtturi tal-elettriku nadif ma jidhrux li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dispożizzjonijiet li ġejjin tal-linji gwida tal-2001:

— is-sistema ma tiggarantix li l-għajnuna tkun limitata għall-ispejjeż addizzjonali bejn il-prezz tal-produzzjoni u l-prezz tas-suq tal-enerġija kkonċernata. Ma tillimitax l-għajnuna skont id-dewmien meħtieġ biex tiġi koperta l-iżvalutazzjoni tal-impjant. U lanqas ma tikkunsidra l-għajnuna eventwali għall-investiment rċevuta mill-produtturi għall-impjanti tagħhom, bħall-primjum ekoloġiku fil-Lussemburgu ([16]). (punt E.3.3.2 tal-linji gwida 2001);

— is-sistema ma tipprevedix mekkaniżmu tas-suq bħal ċertifikati ekoloġiċi (punt E.3.3.2 tal-linji gwida 2001);

— l-għajnuna għat-tħaddim mhijiex ikkalkolata abbażi tal-ispejjeż esterni evitati (punt E.3.3.3 tal-linji gwida 2001);

— l-għajnuna għat-tħaddim mhijiex limitata għal ħames snin, mhijiex digressiva u l-intensità tagħha mhijiex limitata għal 50 % tal-ispejjeż addizzjonali (punt E.3.3.4 tal-linji gwida 2001).

(33) It-tieni nett, il-Kummissjoni tqis li l-eżenzjoni minn kontibuzzjoni mogħtija lill-impriżi li huma konsumaturi kbar tal-elettriku ma kinetx tidher li tissodisfa l-kriterji stabbiliti mil-linji gwida 2001: l-impriżi li ngħataw l-eżenzjoni ma impenjawx ruħhom biex jilħqu l-għanijiet ta' ħarsien tal-ambjent ([17]); mhumiex obbligati li jħallsu parti sinifikanti tat-taxxa ([18]); finalment, l-eżenzjonijiet mhumiex digressivi fit-tifsira tal-linji gwida 2001 u l-intensità tagħhom mhijiex limitata għal 50 % ([19]).

(34) Fl-aħħarnett, il-Kummissjoni eżaminat il-kumpatibbiltà tal-miżura mal-Artikoli 25 u 90 tat-Trattat. Fil-fatt, il-mekkaniżmu ta' kumpens ma jipprevedix eżonerazzjoni mill-kontribuzzjoni għall-elettriku importat, u mit-taxxa fuq l-esportazzjonijiet. Madankollu din il-miżura tagħti vantaġġ biss *in fine* lill-produtturi nazzjonali tal-elettriku nadif. L-elettriku importat huwa għalhekk taxxat mingħajr ma jibbenefika *in fine* mill-appoġġ li jgawdi l-elettriku nadif prodott fil-Lussemburgu.

(35) Ir-RGD l-ġdid imsemmi fil-punt 23, li għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2009, jemenda l-mekkaniżmu ta' kumpens b'tali mod li ma jaqax iktar taħt ir-raġunijiet li wasslu għall-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali. Għalhekk, din id-Deċiżjoni teżamina l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat u l-kumpatibbiltà eventwali tal-mekkaniżmu ta' kumpens skont l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat sal-31 ta' Diċembru 2008.

## 4. KUMMENTI TAL-LUSSEMBURGU DWAR IL-FTUĦ TAL-PROĊEDURA TA' INVESTIGAZZJONI FORMALI

### 4.1. Dwar id-deskrizzjoni tal-miżura

(36) L-ewwelnett, il-Lussemburgu jenfasizza li skont ir-RGD tat-30 ta' Mejju 1994, Cegedel biss hija obbligata tixtri l-elettriku nadif prodott fil-Lussemburgu. Sussegentement, minħabba l-liberalizzazzjoni, dehru distributuri oħra fil-kompetizzjoni, li kienu 13 f'Ġunju 2003. Kollha kellhom l-obbligu li jixtru elettriku nadif. Madankollu, fil-fatt, l-ispejjeż addizzjonali dejjem kienu jaffettwaw essenzjalment lil operatur wieħed, Cegedel. Għalhekk il-Lussemburgu jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-fond ta' kumpens jiffavorixxi fir-realtà kompetizzjoni ekwa bejn id-distributuri, minħabba li jqassam bejniethom l-ispejjeż addizzjonali marbutin mal-obbligu ta' xiri ta' elettriku nadif.

(37) It-tieni nett, il-Lussemburgu jindika li l-miżura tippreżenta benefiċċju ambjentali sinifikanti u tikkontribwixxi biex jinkisbu l-għanijiet ta' ħarsien tal-ambjent li għalihom kien impenja ruħu l-Lussemburgu, skont il-politika tal-Komunità ta' ġlieda kontra t-tibdil fil-klima: għal-Lussemburgu, l-għan huwa li jnaqqas b'28 % l-emmissjonijiet tas-$CO_2$ meta mqabbla mal-1990. Għalhekk l-awtoritajiet Lussemburgiżi jistiednu lill-Kummissjoni biex tevalwa l-effetti potenzjali tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni jew l-effett fuq il-kummerċ intrakomunitarju fid-dawl tal-benefiċċji ambjentali tal-miżura.

### 4.2. Dwar l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat

(38) Il-Lussemburgu jqis li l-ħolqien tal-fond ta' kumpens mhuwiex għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat.

(39) L-ewwelnett, il-Lussemburgu jinsisti li, skont is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (aktar 'il quddiem "il-Qorti tal-Ġustizzja") tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra ([20]), il-fond ma kien jinvolvi l-ebda riżorsi tal-Istat. Fil-fatt, qabel ma ġie introdott il-fond, l-ispejjeż addizzjonali marbutin mal-obbligu ta' xiri ta' elettriku nadif kienu mħallsa biss mill-klijenti aħħarin ta' kumpanija privata, Cegedel. Wara l-introduzzjoni tal-fond, l-ispejjeż addizzjonali ġew imqassma bejn il-klijenti kollha tad-distributuri kollha attivi fil-Lussemburgu, iżda ma kinux jinkludu iktar riżorsi mill-Istat. Il-Lussemburgu jikkwota bħala apppoġġ għall-argument il-punt 66 tas-sentenza PreussenElekra: "*Leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li,*

([15]) ĠU L 37, 3.2.2001, p. 3.
([16]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ottubru 2001 dwar il-każ N 842/2000 (ĠU C 5, 8.1.2002, p. 5).
([17]) Ara l-punt 51, taħt 1a).
([18]) Ara l-punt 51, taħt 1b), it-tieni inċiż.
([19]) Ara l-punt 46.
([20]) C-379/98, Ġabra 2001, p.I-02099

*minn naħa, tobbliga l-impriżi privati ta' provvista tal-elettriku li jixtru l-elettriku prodott fiż-żona ta' provvista tagħhom mingħand sorsi ta' enerġija li jiġġeddu għal prezzijiet minimi ogħla mill-valur ekonomiku reali ta' dan it-tip ta' elettriku u, min-naħa l-oħra, li tqassam l-ispiża finanzjara li tirriżulta minn dan l-obbligu bejn dawn l-impriżi li jipprovdu l-elettriku u lill-operaturi privati tas-sistemi ta' elettriku li jinsabu f' pożizzjoni upstream ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 92(1) tat-Trattat KE* (li sar, wara emenda, l-Artikolu 87(1) KE)."

(40) It-tieni nett, il-Lussemburgu jinnota li l-fond ta' kumpens ma joħloqx vantaġġ għall-produtturi tal-elettriku nadif safejn m'hemm l-ebda rabta kuntrattwali jew finanzjarja bejn il-fond u l-produtturi. Dawn tal-aħħar huma fil-fatt direttament imħallsa mid-distributuri meta jixtru elettriku nadif, skont it-tariffi stabbiliti dak iż-żmien mir-RGD tat-30 ta' Mejju 1994. Il-fond ta' kumpens, min-naħa tiegħu, jaffettwa biss kumpensi bejn id-distributuri.

(41) Il-fond ta' kumpens għalhekk ma joħloqx vantaġġ għall-impriżi li huma konsumaturi kbar tal-elettriku meta mqabbla ma' dawk li jikkontribwixxu għall-fond. Fil-fatt, il-benefiċjarji tal-eżenzjoni — l-industrija kimika u siderurġika — m'għandhomx kompetitur fil-Lussemburgu li għandu jikkontribwixxi għall-fond. Barra minn dan, il-Lussemburgu jqis li l-benefiċjarji tal-eżenzjoni mhumiex vantaġġjati meta mqabbla mal-kompetituri li jinsabu barra mill-Lussemburgu.

(42) Fl-aħħarnett, il-Lussemburgu jqis li l-effett tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ intrakomunitarja marbutin mal-fond ta' kumpens huma biss fit-teorija. B'mod partikolari, mhuwiex stabbilit li l-eżenzjonijiet li minnhom tibbenefika l-industrija tal-manifattura fuq skala kbira fil-Lussemburgu jaffetwaw l-iskambji bejn l-Istati Membri.

### 4.3. Dwar il-ksur tal-Artikoli 25 u 90 tat-Trattat

(43) Il-Lussemburgu jqis li l-mekkaniżmu ta' kumpens ma jiksirx l-Artikoli 25 u 90 tat-Trattat. Fil-fatt, skont il-Lussemburgu, is-sistema ma tittrattax b'mod differenti l-elettriku prodott fil-Lussemburgu u l-elettriku importat. Barra minn hekk, l-elettriku nadif prodott skont ir-RGD tat-30 ta' Mejju 1994 mhuwiex esportat. B'dan il-mod, produttur li jinsab fi Stat Membru ieħor iżda li għandu klijenti fil-Lussemburgu huwa ttrattat bl-istess mod bħal produttur li jinsab fil-Lussemburgu u li jbiegħ fis-suq nazzjonali. Il-konklużjoni hija l-istess jekk il-klijenti ta' dawn iż-żewġ produtturi jinsabu fi Stat Membru ieħor.

### 4.4. Dwar il-kumpatibbiltà ta' għajnuna mill-Istat potenzjali mat-Trattat

(44) Anke jekk huma jikkontestaw li l-eżenzjoni ta' kontribuzzjoni għall-impriżi li huma konsumaturi kbar tal-elettriku tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, l-awtoritajiet Lussemburgiżi jenfasizzaw li din il-miżura tista' tiġi meqjusa kumpatibbli mal-linji gwida 2001.

(45) L-ewwelnett, il-Lussemburgu josserva li l-eżenzjoni hija fil-fatt mogħtija abbażi ta' ftehim volontarju li jinkludi għanijiet ta' titjib fl-effiċjenza enerġetika għall-industrijali firmatarji. Il-ftehim volontarju ġie konkluż bejn il-Lussemburgu u l-Federazzjoni Nazzjonali għall-Industriji (FEDIL) f'Marzu 1996, u ġġedded f'April 2001.

(46) It-tieni nett, il-Lussemburgu jammetti li l-ftehim madankollu ma jipprevedix sanzjoni f'każ ta' nuqqas ta' twettiq tal-impenji, iżda jieħu l-impenn li jinkludi tali mekkaniżmu bl-għan li jikkonforma mal-punt 51(1a) tal-linji gwida 2001.

## 5. KUMMENTI TAL-PARTIJIET INTERESSATI

(47) Il-Pajjiżi l-Baxxi biss ippreżentaw kummenti wara l-ftuħ ta' proċedura ta' investigazzjoni formali tal-mekkaniżmu ta' kumpens fil-Lussemburgu.

(48) Il-Pajjiżi l-Baxxi jfakkru li l-għajnuna lill-produtturi nazzjonali ta' elettriku nadif hija awtorizzata bil-kundizzjoni li ma tkunx iktar mill-ispejjeż żejda mhux li ma jwasslux għal profitt tal-produzzjoni ta' dan l-elettriku. L-awtoritajiet tal-Pajjiżi l-Baxxi jiddikjaraw li huma favur il-kumpens integrali ta' dawn l-ispejjeż addizzjonali li ma jwasslux għal profitt kollha, sabiex tiġi żviluppata l-produzzjoni tal-elettriku nadif. Dan l-appoġġ huwa fil-fatt meħtieġ biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jilħqu l-għanijiet ambjentali li għalihom impenjaw ruħhom meta rratifikaw il-protokoll ta' Kyoto ([21]).

(49) Il-Pajjiżi l-Baxxi jenfasizzae ukoll li għandha titħalla marġini għall-manuvri lil kull Stat Membru sabiex jintlaħqu l-għanijiet ambjentali tal-protokoll ta' Kyoto. Għalhekk huma jissuġġerixxu lill-Kummissjoni strateġija ta' każ b'każ fil-kontront tal-miżuri ta' appoġġ għall-elettriku nadif li ttieħdu minn kull Stat Membru.

(50) Bħala konklużjoni, il-Pajjiżi l-Baxxi jistiednu lill-Kummissjoni biex teżamina b'mod pożittiv il-miżura prevista fil-Lussemburgu fid-dawl tal-ħtieġa attwali tal-iżvilupp ulterjuri tal-produzzjoni tal-elettriku nadif.

([21]) Il-Protokoll ta' Kyoto tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Bidla fil-Klima, adottat fil-11 ta' Diċembru 1997.

6. **KUMMENTI TAL-LUSSEMBURGU DWAR L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-PARTIJIET INTERESSATI**

(51) Il-Lussemburgu m'għamilx kummenti dwar l-osservazzjonijiet li saru mill-Pajjiżi l-Baxxi.

7. **L-EVALWAZZJONI**

7.1. **Eżistenza ta' għajnuna mill-Istat**

(52) Fid-deċiżjoni li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali, il-Kummissjoni qieset li l-mekkaniżmu ta' kumpens deher li jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 87(1) tat-Trattat ([22]). Iż-żewġ kategoriji ta' benefiċjarji ta' din l-għajnuna mill-Istat kienu l-produtturi ta' elettriku nadif kif ukoll l-impriżi li huma konsumaturi kbar tal-elettriku permezz ta' eżenzjoni mill-kontribuzzjoni għall-fond ta' kumpens.

(53) F'deċiżjonijiet preċedenti, il-Kummissjoni kkunsidrat ukoll li s-sistemi ta' tariffi ta' injezzjoni, iffinanzjati b'mod simili għal dan il-każ, kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat. Dan kien il-każ pereżempju tad-Deċiżjonijiet li jirrigwardaw il-Każ N504/00 ([23]) (ir-Renju Unit), il-Każijiet konġunti N 707/02 u N 708/02 ([24]), imġedda permezz tal-miżura N 543/05 ([25]) imbagħad permezz tal-miżura N 478/07 ([26]) (il-Pajjiżi l-Baxxi), il-Każ NN 162/03 u N 317/06 ([27]) (l-Awstrija) u l-Każ C 7/05 (is-Slovenja) ([28]).

(54) Se jiġi eżaminat hawn taħt jekk il-mekkaniżmu ta' kumpens jikkostitwix għajnuna mill-Istat matul il-perjodu kkonċernat, jiġifieri sal-31 ta' Diċembru 2008.

7.1.1. *Determinazzjoni tal-preżenza ta' riżorsi tal-Istat*

(55) Skont il-każistika, biex tikkwalifika bħala għajnuna mill-Istat, miżura trid, l-ewwelnett, tkun mogħtija direttament jew indirettament permezz ta' riżorsi tal-Istat u, it-tieni, għandha tkun imputabbli lill-Istat ([29]).

(56) F'dak li jirrigwarda l-eżistenza ta' riżorsi tal-Istat, il-Qorti tal-Ġustizzja ammettiet li r-riżorsi finanzjarji ta' miżura m'għandhomx neċessarjament jikkostitwixxu assi permanenti tas-settur pubbliku biex ikunu riżorsi tal-Istat; fil-fatt, il-fatt li dawn ir-riżorsi jibqgħu konstantement taħt il-kontroll pubbliku u għalhekk għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali huwa biżżejjed biex jiġu kkwalifikati bħala riżorsi tal-Istat ([30]). Bl-istess mod, skont il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja ([31]), mhumiex involuti riżorsi tal-Istat fejn l-awtoritajiet pubbliċi ma jgawdu jew jakkwistaw fl-ebda stadju kontroll fuq il-fondi li jiffinanzjaw il-vantaġġ ekonomiku kkonċernat. Għalhekk għandu jiġi determinat jekk l-Istat jeżerċitax kontroll dirett jew indirett fuq ir-riżorsi kkonċernati, minkejja l-fatt li dawn il-fondi ma joriġinawx direttament mill-baġit tal-Istat. Fil-kawża *PreussenElektra*, it-tariffi ta' injezzjoni kienu ffinanzjati direttament minn fornituri privati tal-elettriku, li kellhom jixtru l-elettriku mingħand produtturi tal-elettriku nadif bi prezz ogħla mill-prezz tas-suq tal-elettriku. F'dan il-każ, minn Jannar 2001 sa Diċembru 2008, l-Istat impona kontribuzzjonijiet obbligatorji fuq il-konsumaturi, li kienu ttrasferiti lill-produtturi tal-elettriku nadif permezz tad-distributuri. Barra minn hekk, il-fond ta' kumpens, li twaqqaf mill-Istat Lussemburgiż, jamministra l-kumpens bejn id-distributuri. Fis-sentenza *Stardust Marine* ([32]), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-riżorsi li jgħaddu taħt il-kontroll tal-Istat f'xi stadju huma dejjem riżorsi tal-Istat. Għalhekk il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna tingħata direttament jew indirettament permezz ta' riżorsi tal-Istat.

(57) F'dak li jirrigwarda l-imputabbiltà, l-ILR jikkalkula u jqassam l-għajnuna għal kull benefiċjarju skont formula speċifikata mil-leġiżlazzjoni. B'hekk, l-Istat jeżerċita kontroll permezz tal-leġiżlazzjoni mhux biss fuq l-ammonti mqassma u l-benefiċjarji, iżda wkoll fuq l-għoti tal-għajnuna. Għalhekk il-Kummisjsoni tqis li l-għajnuna hija imputabbli lill-Istat.

7.1.2. *Is-selettività*

(58) Il-mekkaniżmu ta' kumpens huwa mmirat biss għal ċerti produtturi tal-elettriku, attwalment il-produtturi tal-elettriku nadif fil-Lussemburgu.

(59) Bl-istess mod, il-mekkaniżmu jipprevedi eżenzjoni mill-kontribuzzjoni jew, mill-1 ta' Jannar 2006, kontribuzzjoni mnaqqsa għal kategorija biss tal-konsumaturi, il-konsumaturi kbar tal-elettriku ([33]).

7.1.3. *Eżistenza tal-vantaġġ*

(60) Il-kontribuzzjoni obbligatorja imposta mill-mekkaniżmu ta' kumpens tagħti b'mod ovvju vantaġġ lill-produtturi tal-elettriku nadif, minħabba li l-għan stess tas-sistema huwa li dawn il-produtturi jkunu jistgħu jbigħu l-elettriku tagħhom bi prezz ogħla mill-prezz tas-suq.

([22]) Ara l-punti 14 sa 19 tad-deċiżjoni ta' ftuħ ta' proċedura ta' investigazzjoni formali.
([23]) ĠU C 30, 2.2.2002, p. 15.
([24]) ĠU C 148, 25.6.2003, p. 12.
([25]) ĠU C 221, 14.9.2006, p. 8.
([26]) ĠU C 39, 13.2.2008, p. 3.
([27]) Il-Każijiet inqasmu f'parti A (enerġija li tiġġedded) u parti B (koġenerazzjoni), ĠU C 221, 14.9.2006, p. 8
([28]) ĠU L 219, 24.8.2007, p. 9.
([29]) Ara pereżempju s-sentenza tal-Qorti tas-16 ta' Mejju 2002, Franza vs il-Kummissjoni (C-482/99, Ġabra 2002 p. 1-4397), punt 24.
([30]) Ara s-sentenza tal-Qorti tas-16 ta' Mejju 2000, Franza vs Ladbroke Racing u l-Kummissjoni, (C-83/98, Ġabra 2000 p. I-3271), punt 50 u s-sentenza tat-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Diċembru 1996, Air France vs il-Kummissjoni (T-358/94, Ġabra 1996 p.II-2109), punt 67.
([31]) Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-Kawża C-482/99 Franza vs Il-Kummissjoni, Ġabra 2002 p.I-4397, punti 38-42 u s-sentenza tat-13 ta' Marzu 2001, imsemmija fin-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 20, punti 59-61.
([32]) Ara s-sentenza tal-Qorti tas-16 ta' Mejju 2002, Franza vs Il-Kummissjoni (C-482/99, Ġabra 2002 p. 1-4397), punt 37.
([33]) Ara l-punt (22).

(61) L-impriżi li huma konsumaturi kbar tal-elettriku jibbenefikaw b'mod ovvju minn vantaġġ minħabba l-eżenzjoni — jew mill-1 ta' Jannar 2006 minħabba t-tnaqqis — ta' kontribuzzjoni għall-mekkaniżmu ta' kumpens.

7.1.4. *Distorsjoni tal-kompetizzjoni u effett fuq il-kummerċ intrakomunitarju*

(62) Il-miżura taffettwa l-operaturi ekonomiċi attivi fis-setturi miftuħa għall-kompetizzjoni, sew jekk tirrigwarda l-produzzjoni tal-elettriku jew tas-setturi li fihom joperaw l-impriżi li huma konsumaturi kbar tal-elettriku (notevolment l-industrija kimika u s-siderurġija), u li huma involuti f'kummerċ mal-Istati Membri l-oħra.

(63) Għalhekk, l-għajnuna tista' toħloq distorsjonijiet fil-kompetizzjoni u taffettwa l-kummerċ intrakomunitarju.

7.1.5. *Konklużjoni dwar l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat*

(64) Abbażi ta' dawn l-elementi, il-Kummissjoni tqis li l-verżjoni tal-mekkaniżmu ta' kumpens fis-seħħ bejn l-1 ta' Jannar 2001 u l-31 ta' Diċembru 2008 kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 87(1) tat-Trattat.

7.2. **Eżami tal-kumpatibbiltà tal-għajnuna skont l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat**

(65) Għar-raġunijiet spejgati fil-punti 32, 33 u 34, il-Kummissjoni ddeċidiet li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali f'dan il-każ minħabba li kellha dubju dwar il-kumpatibbiltà tal-miżura mas-suq komuni, kumpatibbiltà li timplika wkoll il-konformità tagħha mal-Artikoli 25 u 90 tat-Trattat.

(66) Billi l-għajnuna magħmula mill-mekkaniżmu ta' kumpens għandha l-għan li tipproteġi l-ambjent, il-kumpatibbiltà tagħha għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-linji gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ħarsien tal-ambjent. Bejn l-1 ta' Jannar 2001 u l-31 ta' Diċembru 2008, żewġ linji gwida saru applikabbli suċċessivament minħabba li l-linji gwida 2001 ġie sostitwit mil-linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ħarsien tal-ambjent ([34]) (minn hawn 'il quddiem "il-linji gwida 2008"). Billi l-għajnuna kkonċernata kienet irreġistrata bħala għajnuna mhux notifikata, jaqbel, konformement mal-punt 205 tal-linji gwida 2008, li tiġi eżaminata l-kumpatibbiltà tagħha fid-dawl tar-regoli applikabbli meta saret l-għotja.

([34]) ĠU C 82, 1.4.2008, p. 1.

(67) Għalhekk jaqbel li tiġi eżaminata l-ewwelnett il-kumpatibbiltà tal-miżura fid-dawl tal-linji gwida 2001 u 2008 u, it-tieni, il-konformità tal-miżura mal-Artikoli 25 u 90 tat-Trattat.

7.3. **Kumpatibbiltà tal-għajnuna fid-dawl tal-linji gwida 2001 u 2008**

(68) Il-Kummissjoni teżamina l-kumpatibbiltà tal-għajnuna għal żewġ tipi ta' benefiċjarji, matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2001 sal-31 ta' Diċembru 2008: il-produtturi tal-elettriku nadif, li jibbenefikaw direttament mill-kontribuzzjoni għall-fond ta' kumpens, fuq naħa, u fuq in-naħa l-oħra, l-impriżi li huma konsumaturi kbar tal-elettriku, li bbenefikaw mill-eżenzjoni imbagħad, mill-1 ta' Jannar 2006, minn tnaqqis tal-kontribuzzjoni għall-fond ta' kumpens.

7.3.1. *Kumpatibbiltà tal-għajnuna lill-produtturi tal-elettriku nadif fil-Lussemburgu*

(69) L-għajnuna mogħtija lill-produtturi tal-elettriku nadif permezz tal-kontribuzzjoni obbligatorja inkluża fil-mekkaniżmu ta' kumpens tirrigwarda ċerti sorsi ta' enerġija li tiġġedded (idroenerġija, enerġija solari, enerġija mill-qawwa tar-riħ, bijomassa u bijogass) u l-koġenerazzjoni, koperti mil-linji gwida 2001 u 2008 ([35]).

(70) L'awtoritajiet Lussemburgiżi ppreżentaw lill-Kummissjoni żewġ rapporti li saru mill-Istitut ta' riċerka […] * ([36]) li janalizzaw il-livelli ta' kumpens mogħtija lill-produtturi tal-elettriku nadif fil-Lussemburgu. Dawn ir-rapporti jkopru l-perjodu sal-aħħar tal-2005 ([37]) għall-ewwel wieħed, u mill-2006 sal-2008 għat-tieni wieħed ([38]).

(71) Il-kalkoli saru għas-sorsi kollha ta' enerġija li tiġġedded eliġibbli għall-mekkaniżmu ta' kumpens ([39]), u jirrigwardaw ukoll il-koġenerazzjoni. Minbarra t-tariffi ta' injezzjoni, huma jikkunsidraw is-sistemi l-oħra ta' appoġġ, l-għajnuna għat-tħaddim (b'mod partikolari l-primjum ekoloġiku ([40]) jew l-għajnuna għall-investiment. Il-kalkoli jqabblu l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-elettriku nadif u l-prezz fis-suq ta' dan l-elettriku. Ir-rapporti jikkonkludu li hemm nuqqas ta' kumpens żejjed matul il-perjodu, għal sorsi ta' enerġija li tiġġedded u għall-koġenerazzjoni.

(72) Abbażi ta' dawn l-elementi, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna hija limitata għad-differenza bejn l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-elettriku nadif u l-prezz fis-suq tal-elettriku.

([35]) Ara l-punti 70(5) u 70(10) tal-linji gwida 2008.
* Informazzjoni kunfidenzjali
([36]) […].
([37]) […].
([38]) […].
([39]) Is-sorsi ta' enerġija kkonċernati huma l-idroenerġija, l-enerġija solari, l-enerġija mill-qawwa tar-riħ, il-bijomassa u l-bijogass.
([40]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ottubru 2001 dwar il-każ N 842/2000.

(73) Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2001 sal-1 ta' April 2008, li matulu l-linji gwida 2001 kienu applikabbli, il-Kummissjoni għalhekk tqis li l-għajnuna mogħtija lill-produtturi tal-elettriku nadif hija konformi mal-linji gwida 2001, b'mod partikolari l-punti 58-60 dwar l-għajnuna għat-tħaddim, u li hija fil-fatt kumpatibbli skont l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat.

(74) Għall-perjodu mit-2 ta' April 2008 sal-31 ta' Diċembru 2008, li matulu l-linji gwida 2008 kienu applikabbli, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna mogħtija lill-produtturi tal-elettriku nadif hija konformi mal-linji gwida 2008, b'mod partikolari l-punti 109 u 119 dwar l-għajnuna għat-tħaddim għall-enerġiji li jiġġeddu u l-koġenerazzjoni [41], u li fil-fatt din l-għajnuna hija kumpatibbli skont l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat.

7.3.2. *Il-kumpatibbiltà tal-għajnuna lill-impriżi li huma konsumaturi kbar tal-elettriku*

(75) Fid-deċiżjoni tagħha li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali, il-Kummissjoni kellha dubji dwar il-kumpatibbiltà tal-eżenzjoni ta' kontribuzzjoni li minnha jibbenefikaw l-impriżi li huma konsumaturi kbar tal-elettriku sal-31 ta' Diċembru 2005. Mill-1 ta' Jannar 2006, dawn l-impriżi kkontribwew għall-fond ta' kumpens filwaqt li bbenefikaw minn rata mnaqqsa.

(76) F'dak li jirrigwarda d-determinazzjoni tar-regoli applikabbli għall-apprezzament tal-kumpatibbiltà tal-għajnuna, ta' min jinnota li l-kontribuzzjoni għas-sena 2008 ġiet ikkalkolata abbażi tad-dejta tas-sena 2007, u li d-deċiżjoni li tingħata l-għajnuna ttieħdet qabel it-2 ta' April 2008, id-data ta' applikazzjoni tal-linji gwida 2008. Għalhekk, għall-perjodu kollu bejn l-1 ta' Jannar 2001 u l-31 ta' Diċembru 2008, il-kumpatibbiltà tal-għajnuna mogħtija lill-impriżi li huma konsumaturi kbar tal-elettriku għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-linji gwida 2001.

(77) L-awtoritajiet Lussemburġiżi l-ewwelnett ippreċiżaw li l-impriżi kollha li huma konsumaturi kbar tal-elettriku li jibbenefikaw mill-eżenzjoni kienu impenjaw ruħhom li jtejbu l-effiċjenza enerġetika tagħhom permezz ta' ftehimiet volontarji konklużi mal-Istat fl-1996, imbagħad fl-2002, biex jiġi kopert il-perjodu mill-2000 sal-2006. Barra minn hekk, il-Lussemburgu emenda l-ftehimiet tiegħu fit-13 ta' April 2005 fuq talba tal-Kummissjoni.

(78) L-emendi ewlenin, li daħlu fis-seħħ mar-RGD tad-9 ta' Diċembru 2005, jinkludu l-inklużjoni ta' għan kwantitattiv ta' titjib tal-effiċjenza fl-enerġija għall-impriżi li ffirmaw il-ftehim: it-titjib għandu jkun ta' 15 % fl-2005 meta mqabbel mal-effiċjenza enerġetika tal-1990. Barra minn hekk, ġew introdotti sanzjonijiet fil-ftehim fil-każ li ma jiġu rispettati l-impenji:

— L-impriżi li ma jkunux issodisfaw l-impenji tagħhom ikollhom jixtru ċertu ammont ta' elettriku nadif mis-suq jew jipproduċuha għall-konsum tagħhom stess [42].

— L-impriżi li ma jirrispettawx l-impenji tagħhom li jiċċertifikaw it-titjib tagħhom fl-effiċjenza enerġetika minn awdituri fil-bidu u fit-tmiem tal-perjodu għandhom jixtru jew jipproduċu huma stess volumi ta' elettriku nadif li jirrappreżentaw 1 % tal-konsum tagħhom.

(79) Barra minn hekk, l-eżenzjoni mill-kontribuzzjoni nħolqot fl-istess ħin li nħolqot il-kontribuzzjoni għall-fond ta' kumpens, fl-1 ta' Jannar 2001.

(80) Abbażi tal-elementi ppreżentati fil-punti 77, 78 u 79, il-Kummissjoni tqis li l-eżenzjoni imbagħad, mill-1 ta' Jannar 2006, it-tnaqqis tal-kontribuzzjoni għall-fond ta' kumpens għall-impriżi li huma konsumaturi kbar tal-elettriku bi skambju għall-konklużjoni tal-ftehimiet volontarji huma konformi mal-punt 51(1a) tal-linji gwida 2001. B'konsegwenza, il-miżura hija kumpatibbli skont l-Artikolu 87(3)(c) minn Diċembru 2005.

(81) Għall-perjodu minn Jannar 2001 sa Diċembru 2005, il-Kummissjoni tinnota li l-eżenzjoni tal-kontribuzzjoni hija wkoll miksuba bi skambju ma' impenji ta' titjib fl-effiċjenza enerġetika tal-impriżi li huma konsumaturi kbar tal-elettriku. Dawn il-ftehimiet, li saru l-ewwel fl-1996, ġew imġedda fl-2002 għall-perjodu inkluż bejn l-2000 u l-2006. Barra minn hekk, is-sanzjonijiet li ġew introdotti fl-2005 japplikaw jekk l-impriżi ma tejbux l-effiċjenza enerġetika tagħhom fl-2005 b'15 % meta mqabbla mal-1990. Għalhekk il-Kummissjoni tqis li l-oġġettiv kwantitattiv ambjentali u s-sanzjonijiet japplikaw għall-imġiba tal-benefiċjarji tal-eżenzjoni bejn l-2001 u l-2005. B'konsegwenza, il-Kummissjoni tqis li l-eżenzjoni ta' kontribuzzjoni għall-impriżi li huma konsumaturi kbar tal-elettriku bejn Jannar 2001 u Diċembru 2005 hija konformi mal-punt 51(1a) tal-linji gwida 2001, u li hija għalhekk kumpatibbli skont l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat.

[41] L-awtoritajiet Lussemburġiżi speċifikaw ukoll li l-sistemi ta' koġenerazzjoni għandhom jivvalidaw il-kriterji ta' effiċjenza għolja ppreżentati fil-punt 70(11) tal-linji gwida 2008.

[42] Din il-kwantità għandha tirrefletti d-diversità tal-enerġiji nodfa appoġġjati mill-fond ta' kumpens u għandha tkun iddeterminata abbażi ta' dawn it-tliet fatturi, skont it-termini tal-emenda tat-13 ta' April 2005: "1. il-konsum tal-elettriku tal-impriża matul il-perjodu li fiha ħadet vantaġġ mill-eżenzjoni, 2. ir-rata ta' kopertura tal-konsum nazzjonali tal-elettriku mill-produzzjoni tal-elettriku appoġġjat mill-fond ta' kumpens 3. il-perċentwali ta' differenza bejn ir-rata ta' titjib tal-effiċjenza enerġetika tal-impriża u r-rata ġenerali [ta' titjib tal-effiċjenza enerġetika]". Il-perċentwali ta' differenza ma tistax tkun iktar minn 100 %. L-għan ta' 15 % ta' titjib fl-effiċjenza tal-enerġija hija adattata *pro rata* fil-każ tal-impriżi li bdew l-attivitajiet tagħhom wara l-1990.

### 7.4. **Konformità tal-għajnuna mal-Artikoli 25 u 90 tat-Trattat**

(82) Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2001 sal-31 ta' Diċembru 2008, l-ispejjeż addizzjonali marbutin mal-obbligu ta' xiri ta' elettriku nadif huma *in fine* mġarrba mill-konsumaturi abbażi tal-konsum tagħhom. Skont każistika stabbilita mill-Qorti tal-Ġustizzja, u kkonfermata reċentement bis-sentenza *Essent* (43), kontribuzzjoni obbligatorja bħal din imposta lill-konsumaturi aħħarin tikkostitwixxi taxxa parafiskali u l-konformità tal-mekkaniżmu ta' finanzjament tagħha mat-Trattat għandha tiġi evalwata mill-Kummissjoni (44). Il-Kummissjoni adottat ukoll strateġija simili fid-Deċiżjonijiet imsemmija fil-punt 53.

(83) F'dak li jirrigwarda r-riskju ta' diskriminazzjoni tal-elettriku nadif importat meta mqabbel mal-elettriku nadif prodott fil-Lussemburgu, li huwa l-uniku benefiċjarju tad-dħul mill-kontribuzzjonijiet, l-awtoritajiet Lussemburgiżi ħadu l-impenn, permezz ta' ittra ministerjali, li joħolqu proċedura ta' rimbors tal-kontribuzzjonoijiet tal-fond għall-elettriku nadif importat sal-31 ta' Diċembru 2008. Biex jibbenefikaw minnu, il-konsumaturi jkollhom jippruvaw li xtraw l-elettriku nadif importat.

(84) […]

(85) […] (45)

(86) […]

(87) Barra minn hekk, abbażi ta' dawn l-elementi, is-sistema fis-seħħ fil-Lussemburgu tidher simili ħafna għall-proċeduri ta' rimbors implimentati fl-Awstrija, u ddikjarati kumpatibbli mill-Kummissjoni (46).

## 8. **KONKLUŻJONI**

(88) Il-Kummissjoni tqis li l-Lussemburgu implimenta b'mod illegali l-miżura ta' ħolqien ta' fond ta' kumpens fil-qafas tal-organizzazzjoni tas-suq tal-elettriku, fi ksur tal-Artikolu 88(3) tat-Trattat.

(89) Madankollu, fid-dawl tal-elementi kollha spjegati hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li għall-perjodu minn Jannar 2001 sa Diċembru 2008, l-għajnuna mogħtija lill-produtturi tal-elettriku nadif fil-Lussemburgu kif ukoll l-eżenzjoni u wkoll, mill-1 ta' Jannar 2006, it-tnaqqis tal-kontribuzzjoni għall-impriżi li huma konsumaturi kbar tal-elettriku, jikkostitwixxu għajnuna kumpatibbli skont l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat hekk kif stipulat fil-linji gwida 2001 u 2008,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-ħolqien u l-ġestjoni bejn l-1 ta' Jannar 2001 u l-31 ta' Diċembru 2008 mil-Lussemburgu ta' fond ta' kumpens fil-qafas tal-organizzazzjoni tas-suq tal-elettriku jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 87(1) tat-Trattat favur produtturi tal-elettriku nadif fil-Lussemburgu, fuq naħa, u l-impriżi li huma konsumaturi kbar tal-elettriku, fuq in-naħa l-oħra.

Din l-għajnuna hija kompatibbli mas-suq komuni skont l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tapplika suġġetta għall-emenda tal-mekkaniżmu ta' kumpens li l-Lussemburgu ħa l-impenn li jipprevedi fil-leġiżlazzjoni tiegħu.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Gran Dukat tal-Lussemburgu.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Jannar 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Neelie KROES
*Membru tal-Kummissjoni*

(43) Sentenza tal-Qorti tat-17 ta' Lulju 2008, Essent (C-206/06), li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.
(44) Ara pereżempju s-sentenza tal-Qorti tal-21 ta' Ottubru 2003, il-Belġju vs Eugene van Calster, Felix Cleeren u Openbaar Slachthuis NV, (C-261/01 u C-262/01, Ġabra 2003, p.I-12249)
(45) […]
(46) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Lulju 2006 dwar il-Każijiet NN 162/03 u N 317/206 (ara n-nota Nru 27 ta' qiegħ il-paġna).

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 000 EUR fis-sena (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 100 EUR fix-xahar (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 700 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 70 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 40 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 500 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

| | | |
|---|---|---|
| (*) Il-prezz kull kopja: | bi 32 paġna: | 6 EUR |
| | minn 33 sa 64 paġna: | 12 EUR |
| | aktar minn 64 paġna: | Prezz fiss għal kull każ |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-flus editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
Publications.europa.eu

L-UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI GĦALL-KOMUNITAJIET EWROPEJ
L-2985 IL-LUSSEMBURGU

MT